# IS-SORIJIET TAL-KARITÀ FL-IMQABBA
## Żewġ żmenijiet ta' Servizz Soċjali u Pastorali
## 1935-1941 — 1989-1999

**Alexander Bonnici OFM Conv.**

Waqt li qed inħejji storja dettaljata fuq is-Sorijiet tal-Karità f'Malta, l-Imqabba ġiet quddiem għajnejja għaliex din il-Kongregazzjoni ta' merti kbar tat is-sehem tagħha fl-Imqabba wkoll. F'żewġ perjodi qosra, b'komunità ċkejkna f'żewġt idjar differenti, huma taw is-sehem tagħhom fil-ħajja tal-parroċċa.

Dawn huma s-sorijiet li għandhom bħala fundatriċi tagħhom lil Santa Ġovanna Antida Thouret li waqqfithom fi Franza fl-1799, u qegħdithom taħt il-ħarsien ta' San Vinċenz de Paul. Huma daħlu f'Malta fl-1868. Imbagħad, daħlu fl-Imqabba b'ħidmiet minn djar ċkejknin. Għalhekk, il-ħidma tagħhom f'dan il-post m'għandhiex x'taqsam ma' dik fdata f'idejhom f'postijiet oħrajn. Niftakru li dawn ta' sikwit issejħu s-*Sorijiet ta' l-Isptar* għax, fost oħrajn, kienu fdati f'idejhom sptarijiet kbar bħalma kien dak Ċentrali, l-Imgieret, u l-Manikomju. Imma hu xieraq li ma jintesewx lanqas il-ftit snin tagħhom fl-Imqabba.

**1935-1941: Bi skola qrib iż-żmien ikrah tal-gwerra fi Triq San Basilju**

Fl-1934, Dun Ġużepp Debono sar kappillan għall-Imqabba. Fit-tagħrif li għandna dwaru, ma hemm xejn la fuq is-sehem tiegħu fl-iskola taċ-ċkejknin u lanqas fuq id-dħul tas-sorijiet tal-Karità f'din il-paroċċa.[1]

Dun Ġużepp Debono kellu parrokat qasir (1932-1936). Imma hu, fil-bidu ta' l-1935, kiteb lil Madre Geltrude Vicari, is-superjura provinċjali tas-sorijiet tal-Karità, u fissrilha li xtaq joffri dar lis-sorijiet fil-parroċċa tiegħu ħalli huma jgħinu fil-ħajja tal-parroċċa. Vicari għarrfet b'dan lill-Madre Ġenerali Anna Lapièrre, meta din kienet waslet biex ittemm is-servizz tagħha. Għalkemm il-Madre Ġenerali ma qablitx ma' kulma l-kappillan stenna mingħand is-sorijiet, hi ma kenitx kuntrarja għal dik il-ħidma. Għalhekk, Vicari, fit-2 ta' Mejju 1935, infurmat lill-kappillan li s-sorijiet kienu lesti biex jaċċettaw dar fl-Imqabba.

Id-dar kienet fi Triq San Basilju bin-numri 4 u 5. Il-post kien qed jintuża bħala għassa tal-pulizija. Fit-tweġiba tiegħu tat-3 ta' Mejju, il-kappillan fisser li l-għada stess kien se jmur għand il-kummissarju ħalli jsir il-ftehim biex il-pulizija joħorġu minn dak il-post.[2]

Fit-22 ta' Mejju 1935, il-kappillan u l-madre provinċjali ltaqgħu ħalli jiftiehmu sewwa fuq id-dar imwiegħda. L-għada, il-kappillan għarrafha li d-dar kienet intelqet mill-pulizija. Intrebħu d-diffikultajiet dwarha, u l-kappillan lis-sorijiet seta' jagħtihom il-muftieħ. Sid id-dar ma qala' l-ebda problema.[3]

**Proġett ta' skola ċkejkna**

Il-ħsieb kien li żewġ kmamar tad-dar jintużaw bħala klassijiet għal skola ċkejkna. Għalhekk, Madre Vicari, fl-4 ta' Ġunju 1935, kitbet lill-avukat A.V. Laferla, direttur ta' l-iskejjel tal-Gvern, ħalli lis-sorijiet jagħtihom il-permess li jgħallmu f'dik id-dar. Malli l-permess jingħata, hi kienet sejra tibgħat lis-sorijiet.[4] Imma t-tweġiba ma ġietx malajr. Laferla, fis-6 tax-xahar, għarraf li kien irċieva l-ittra.[5]

Fl-14 ta' Ġunju, it-tabib Ġużeppi Galea, bħala spettur sanitarju, intbagħat fuq il-post biex jispezzjona d-dar. Il-madre provinċjali, fis-17 ta' Ġunju, ġiet mgħarrfa mill-kappillan b'dik l-ispezzjoni.[6] It-tabib Galea, fil-21 ta' Ġunju, kiteb biex wera xi bżonnijiet kien hemm. Il-klassijiet għall-iskola taż-żgħar kienu se jkunu tnejn biss. Imma kien se jkun hemm kamra u bitħa għar-rikreazzjoni. Fost l-oħrajn, biex l-iskola tkun skond ir-regolamenti, kien meħtieġ li a) jillixxaw il-paviment, b) ikun hemm ventilazzjoni tajba, ċ) il-post jitbajjad u d) ikun fornit bil-bżonnijiet iġeniċi. Tfal li nkitbu għall-iskola kien hemm 43.[7]

Billi dak li ried lis-sorijiet kien il-kappillan, kien hu li kiteb lid-Dipartiment tas-Sanità biex jinforma x'kien sar. F'Ġunju stess, id-dar diġà kienet qed titqies tas-sorijiet, għalkemm kienu għadhom ma daħlux fiha. Il-kappillan Debono ħa ħsieb ta'




*Madre Ġeltrude Vicari, is-Superjura Provinċjali, li għenet biex fl-1935 is-Sorijiet tal-Karità daħlu f'dar fi Triq San Basilju, u, għal ftit snin żammew f'idejhom skola għaċ-ċkejknin.*

kollox. Imbagħad, it-tabib Galea reġa' mar fuq il-post u ra b'għajnejh li kollox kien sar skond kif kien ġie ordnat. Is-sorijiet kienu lesti biex jidħlu. Għalhekk, il-kappillan, fit-28 ta' Settembru 1935, kiteb lid-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jgħarrfu li kollox kien lest. Għalhekk, lilu stiednu biex, il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, imur għaċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni, li għaliha Mons. Mawru Caruana, Isqof ta' Malta, ittamahom li kellu mnejn ikun preżenti. Kienet sejra tkun fis-sitta u nofs ta' filgħodu.[8]

Il-Kunsill tas-Sorijiet tal-Karità jsemmi d-dar ta' l-Imqabba li kienet sejra tiftaħ, u l-isem ta' xi soru li kienet sejra tintbagħat fiha.[9] Is-sorijiet daħlu fid-dar fil-ġurnata ta' l-inawgurazzjoni tagħha: jiġifieri fit-3 ta' Ottubru ta' l-1935. Id-dipartimenti tal-Gvern ma ndaħlux ħlief dwar l-iskola. Imma l-ftit kelmiet li nsibu fil-kronaka tas-sorijiet juruna wkoll kemm is-sorijiet kienu sejrin jidħlu fil-ħidma tal-parroċċa. Insibu miktub: "Fit-3 ta' Ottubru 1935, infetħet fl-Imqabba dar ġdida bi skola magħha, li sejra tkun għaż-żgħar nett. L-inizjattiva kienet tal-kappillan Dun Ġużepp Debono. Minbarra li se jżommu l-iskola, is-sorijiet sejrin jiġu fdati bit-tagħlim tal-katekiżmu u bir-responsabbiltà tal-*Figlie di Maria*".[10]



*Madre Marija Tereża de Marco, li fl-1985 wriet li s-Sorijiet tal-Karità kienu lesti biex jerġgħu jidħlu fl-Imqabba fid-dar li offritilhom Karmela Ellul.*

**Id-diffikultajiet tal-gwerra**

Fl-Imqabba, id-diffikultajiet ma damux ma nħolqu. Debono, fl-1936, spiċċa minn kappillan. Is-suċċessur tiegħu kien Dun Lawrenz Spiteri, li kien se jmexxi l-parroċċa għal iżjed minn tmien snin (1936-1945). Fl-1940, Malta daħlet fiż-żmien ikrah tal-gwerra. Minħabba diffikultajiet kbar, f'dik is-sena stess, ittieħdet id-deċiżjoni li d-dar tas-sorijiet tingħalaq. Mal-bidu tas-sajf ta' l-1941, huma kienu warrbu għal kollox mill-Imqabba. Imma s-sorijiet kienu għadhom mixtieqa. Il-Madre Provinċjali ġiet f'pożizzjoni li ma setgħetx taqtagħha malajr jekk terġax tibgħat lis-sorijiet tagħha. Kien hemm korrispondenza mal-kappillan Spiteri li, fost l-oħrajn, għafas biex ċerta soru li jsemmiha b'isimha ma tintbagħatx f'dik il-komunità. Min-naħa l-oħra, Spiteri ried tweġiba ċara biex jara jekk kellux ifittex soluzzjoni oħra.[11]

Fit-3 ta' Novembru ta' l-1941, Madre Vicari wieġbet lill-kappillan, u żammet kopja ta' l-ittra tagħha. Mill-ittra jidher li hi kienet diġà fissritlu dwar is-sitwazzjoni li kienet inħolqot. Fost l-oħrajn, fid-dar tas-sorijiet kienu daħħlu r-rifuġjati. Il-Madre Provinċjali kitbet: "L-intenzjoni tiegħi kienet li jiena nerġa' nibgħat is-sorijiet, imma b'kundizzjoni li jkollhom lokal li ma nistenniehx komdu, imma għallanqas li jkun jixraq għal sorijiet. Id-dar, li ġiet okkupata mir-rifuġjati, hi żgħira wisq, u għalhekk minn issa ngħidlek li ma naċċettax li nerġa' nibgħat fiha lis-sorijiet". Fil-fatt, id-deċiżjoni dwar jekk is-sorijiet jirritornawx jew le tħalliet f'idejn il-kappillan innifsu; imma dejjem b'kundizzjoni li jżomm quddiem moħħu li qed jittratta ma' sorijiet. Vicari tagħti wkoll x'wieħed jifhem li s-sorijiet kienu ġew ikkalunnjati. Imma, għal dan, ma nkedditx wisq għax kif qalet lil Spiteri: "Aħna nkunu dak li aħna quddiem Alla. Dan il-ħsieb waħdu hu biżżejjed biex ngħixu fil-paċi".[12]

Il-kappillan, fl-14 ta' Novembru, wieġeb li dar akbar ma setax jipprovdi għas-sorijiet, imma ttamahom f'dar li jagħtihielhom 'il quddiem. Kien lest li jiżvojta d-dar li kellhom mir-refuġjati għax, mhux biss hu nnifsu, imma wkoll in-nies ta' l-Imqabba xtaqu li s-sorijiet jirritornaw. Hu żgurhom ukoll li, dwar il-kalunnja li semmew, l-akkuża ma kenitx ġejja ħlief minn persuna waħda. Xi ittri oħrajn kienu nkitbu minn żgħażagħ li ma kenux jafu x'ifisser li jkollhom lil uliedhom jew ħuthom megħjunin mis-sorijiet. Kienu persuni li ppruvaw joskuraw lill-kappillan ukoll.[13]

Il-Madre Provinċjali weġbitu, fit-23 ta' Novembru, u fissret lill-kappillan li ma kienx possibbli iżjed li s-sorijiet jirritornaw f'dik id-dar li kellhom. Lilu ttamawh li, 'il quddiem, jekk tkun ir-rieda ta' Alla, huma jerġgħu jidħlu fil-parroċċa ta' l-Imqabba. Is-sorijiet ta' dik id-dar kienu diġà ntbagħtu f'post ieħor.[14]

Fil-fatt, wara li għaddew is-snin, is-Sorijiet tal-Karità reġgħu daħlu fil-parroċċa ta' l-Imqabba, imma f'post differenti.

**L-1989-1999: Preżenza b'għajnuniet u ħidmiet apprezzati dar tingħata f'idejhom**

Kienu għaddew ħafna snin minn mindu s-sorijiet kienu telqu mid-dar li kellhom fl-Imqabba. Imma fl-1983, is-sinjorina Karmena Ellul, kuġina ta' soru tal-Karità li kien jisimha Sor Marija Ersilja Mifsud, ipproponiet li kellha x-xewqa li tħalli darha stess fl-Imqabba lis-sorijiet. Dik il-mara kellha 68 sena, u kienet għadha tajba. Il-ħsieb tagħha kien li żżomm parti ċkejkna mid-dar għaliha nnifisha sakemm iddum

ħajja, u l-kumplament tad-dar kienet sejra titilqu għall-użu tas-sorijiet. Fl-1985, is-superjura provinċjali Madre M. Tereża de Marco, flimkien mal-membri tal-kunsill tagħha, raw li dik kienet offerta favorevoli għax id-dar kienet tinstab fiċ-ċentru tar-raħal. Għalhekk, ittieħdet id-deċiżjoni li l-offerta titressaq quddiem is-superjura ġenerali li kienet Madre Maria Carla Aletti.[15] Il-Madre Ġenerali riedet tagħrif iżjed fuq il-post. Is-sorijiet għarrfuha li dik id-dar setgħet tkun utli għalihom għaliex is-sorijiet f'Ħas-Serħ kienu qed isibuha diffiċli biex jibqgħu jgħixu fil-lokal kbir li kellhom hemm. Mill-Imqabba, Ħas-Serħ seta' jintlaħaq mingħajr diffikultajiet kbar. Għalhekk, kien hemm il-ħsieb li jintbagħtu fl-Imqabba sitt sorijiet.[16]

Il-ħsieb tas-sorijiet kien ukoll li huma jagħtu s-sehem tagħhom fil-parroċċa ta' l-Imqabba. Għalhekk, qabel ma aċċettaw dik id-dar, il-Madre Provinċjali, fl-1985, marret tkellem lill-kappillan li kien Dun Manwel Vella (1980-1991). Hi wrietu li s-sorijiet kienu se jkunu lesti li jgħallmu l-katekiżmu fil-parroċċa, u lil xi grupp ta' tfal bniet setgħu jgħallmuhom il-ħjata u s-suf. Il-kappillan żied jipproponi li huma setgħu jgħinuh fit-tagħlim ta' l-abbatini.[17]



*Dar Nemesja: fi Triq il-Parroċċa: li kienet f'idejn is-Sorijiet tal-Karità bejn l-1989 u l-1999.*

Imbagħad, fl-1986, kien hemm żmien ta' nuqqas ta' kuntatti mas-sorijiet min-naħa tal-kappillan. Sor M. Filomena ġiet inkarigata biex taqbad xi kuntatt miegħu. Il-Madre Provinċjali ħadet id-deċiżjoni li tmur fid-dar tas-Sinjorina Ellul flimkien ma' perit ħalli tara xi bżonnijiet kien hemm dwar ir-ristrutturazzjoni tagħha.[18] Il-kappillan fil-fatt ikkollabora magħhom aktar milli stennew. Fil-bidu ta' Marzu ta' l-1986, laqqa' lis-sorijiet max-xbejbiet ta' l-Imqabba li riedu jiltaqgħu magħhom. Huma tkellmu magħhom u baqgħu sodisfatti ħafna b'dik l-esperjenza.[19] Sadanittant, sa Awissu, waslulhom il-permessi tal-Gvern biex jibdew ix-xogħol meħtieġ f'dik id-dar.[20]

Fid-dar kien hemm ħafna x'jirranġaw. Għalhekk, kien għadu ma wasalx iż-żmien li tintbagħat komunità. Is-Sinjorina Ellul offriet li tħallas l-ispejjeż tax-xogħlijiet. Imma kien pass għaqli meta ddeċidew li kollox isir bil-miktub. Kien hemm bżonn li jaraw, flimkien ma' perit, jekk kellhomx iwaqqgħu kollox, u jibnu l-post mill-ġdid.[21]

Fil-bidu ta' l-1987, l-Imqabba bdiet tnissel tama fis-sorijiet. Bdew jiddiskutu jekk setgħux jinqdew b'dak il-post biex jiffurmaw fil-post komunità b'sorijiet li jkunu żgħażagħ. Il-Madre Provinċjali u xi oħra magħha bdew imorru jaraw il-post. Kien bħal dar komuni bħal tant oħrajn. Għalhekk, komunità ta' sorijiet żgħażagħ setgħet titħarreġ f'ħajja sempliċi u f'dar li fiha jkunu qishom ġo familja. Is-Sinjorina Ellul kienet sejra tħallilhom dik id-dar għal wara mewtha.[22]

Ix-xogħol fid-dar ġab ftit inkwiet għas-sorijiet. Waslet is-sena 1988, u bdew jaraw li x-xogħol kien miexi bil-lajma wisq. Imma l-ħaddiem li kellhom kien qed jitlob il-flus kontinwament. Kien meħtieġ li jsibu lil xi ħadd li jkollhom fiduċja akbar fih.[23]

Imma x-xogħlijiet fl-1988 tlestew u ġiet iffurmata l-ewwel komunità ħalli tintbagħat fil-post.

**Dar Sor Nemesia fi Triq il-Parroċċa**

Id-dar li akkwistaw fl-Imqabba ssemmiet 'Nemesia': għal soru Taljana ta' ħajja qaddisa. Kienet f'Nru. 120, Triq il-Paroċċa. Għall-ewwel tqiegħdu fiha ħames sorijiet. L-ewwel tagħrif dwar il-ħidma f'dik id-dar jurina li s-sorijiet kienu mitfugħin fuq ħidmiet differenti. Bdiet bħala dar ta' formazzjoni. Billi fl-1988, ma kienx ilhom fiha ħlief xi xhur, kien għad ma hemmx il-kuntatti mixtieqa ma' l-għaqdiet tal-paroċċa. Imma huma kienu qed janimaw quddiesa fil-parroċċa. Mill-bidunett, is-sorijiet bdew iħossuha diffiċli li huma kienu qed jgħixu ma' mara li ma kenitx soru. Imma ma setgħux jagħmlu mod ieħor għax kienet dik stess li tathom id-dar.[24]

Minn sena għal oħra, nibdew naraw varjazzjonijiet żgħar. Is-sorijiet minn ħamsa telgħu għal tmienja. Imma d-dar ma rnexxietx bħala waħda ta' formazzjoni. Fl-1989, il-komunità malajr niżlet għal tlieta. Fiċ-ċokon tagħha, narawhom mitfugħin fuq għajnuniet lill-parroċċa. Huma bdew iżuru d-djar fejn kien hemm l-anzjani u l-morda. Soru minn din il-komunità bdiet tmur l-Imqabba biex tgħin f'laboratorju taċ-ċentru parrokkjali. Lil xbejbiet u tfal bniet, kienet qed tgħallimhom il-ħjata, kif jagħmlu xi disinji, u anki t-tisjir. Soru minnhom kienet tmur taħdem l-Imgieret.[25]

It-tagħrif uffiċjali tal-Kongregazzjoni nnifisha ma tantx ivarja. Nistgħu nieħdu tliet snin flimkien: bejn 1990 u 1992. Is-sorijiet kienu erbgħa, u mbagħad ħamsa, imma ma damux ma niżlu għal tlieta. Kumment ta' l-1991 jagħti idea tal-qagħda tagħhom. Inkiteb: "Is-sorijiet ta' din id-dar mhumiex wisq, imma huma b'dispożizzjoni biex jintefgħu fuq servizz ċkejken fir-raħal. Waħda mis-sorijiet għandha kuntatt mat-

tfajliet tal-Leġjun ta' Marija. Oħra taħdem bħala infermiera f'Ħas-Serħ". Imma, fi żmien qasir, fl-1992, tfisser kemm is-sorijiet kienu qed ikunu anzjani u morda. Minkejja dan, waħda minnhom, ma qatgħetx milli taqdi l-kappillan Dun Ġużepp Bartolo, li mis-sena 1991 kien ħa f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa. Is-sorijiet baqgħu jħossu l-problema li ġiethom mis-Sinjorina Ellul, mara ta' qrib it-tmenin sena, li kienet baqgħet tgħix magħhom. Dejjem riedet tkun taf anki dak li s-sorijiet ma kellhomx għalfejn jgħiduh lil dawk li ma kenux sorijiet. Imma l-ħajja ta' talb tas-sorijiet u l-imġieba tajba bejniethom kienu ta' eżempju tajjeb, mhux biss għall-mara li kienet tgħix magħhom, imma wkoll għan-nies ta' l-Imqabba, li ma naqsux li jfittxuhom ħalli jitolbu mingħand is-sorijiet xi għajnuna. Madankollu, id-dar bdiet tinħass ukoll skomda għall-anzjana minħabba t-tarġiet għoljin li kien fiha. Skond il-possibbiltajiet tagħhom, is-sorijiet kienu qed jidħlu tajjeb fil-ħajja tal-parroċċa. Waħda mill-ħidmiet tagħhom, li ġiet apprezzata anki minn Madre Marie Antoine Henriot, superjura ġenerali tas-Sorijiet tal-Karità, kienet il-ħidma tagħhom fost il-foqra ta' l-Imqabba.[26]



*Madre Marija Antonja Aquilina, is-Superjura Provinċjali li, mill-1990, għenet lis-Sorijiet tal-Karità ħalli jibqgħu jagħtu l-għajnuniet tagħhom fil-parroċċa ta' l-Imqabba.*

Il-qagħda ma tbiddlitx fl-aħħar snin. Is-sorijiet, fis-snin 1993-1994, baqgħu tlieta. Ġie li, għal xi żmien, fl-1995, telgħu għal ħamsa. Huma ma qatgħux milli jgħinu fil-parroċċa, bil-katekiżmu u fl-uffiċċju parrokkjali. Fost il-ħidmiet tagħhom, narawhom jibqgħu jagħtu sehemhom fil-laqgħat tal-Leġjun ta' Marija u fost il-persuni anzjani f'darhom stess. Imma s-sorijiet innifishom baqgħu jikbru fl-età, u għad-dar ma kienx qed jidher futur, għax ma kienx hemm lil min jibagħtu fiha. Is-sorijiet għamlu kulma setgħu biex lis-Sinjorina Ellul, li kienet tathom id-dar f'idejhom, ma jħalluha nieqsa minn xejn, speċjalment fl-aħħar xhur ta' ħajjitha meta saħħitha bdiet tmur dejjem iżjed lura. Huma nnifishom daru biha sa l-aħħar u hi apprezzat ħafna dak kollu li kienu jagħmlu magħha. Hi stess stqarret: "Għamiltu biżżejjed miegħi". Is-Sinjorina Ellul ħalliet din id-dinja, kalma u serena, fil-25 ta' Novembru ta' l-1998.

Fil-bidu ta' l-1999, beda jiġi diskuss il-każ dwar jekk kellhomx jagħlqu dik id-dar. Dan jidher tajjeb mill-verbali tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar ta' l-1999.[27] Mal-mewt ta' Ellul, id-dar kienet saret tas-sorijiet għax kienet tħalliet lilhom fit-testment tagħha. Ġie deċiż li d-dar ma tinżammx iżjed mis-sorijiet. Għalhekk, is-sorijiet kienu se jżommuha biss sakemm tinbiegħ. Imma tqabbad perit biex jagħmlilhom stima tal-valur tagħha qabel ma tiġi offerta għall-bejgħ. Fl-istess ġurnata tad-19 ta' Jannar, is-superjura provinċjali Madre Marija Antonja Aquilina kitbet lis-superjura ġenerali Madre Marie Antoine Henriot. Lilha Aquilina talbitha l-permess biex tkun tista' tagħlaq dik id-dar. Waħda mir-raġunijiet li tressqet kienet li l-ħafna taraġ li kien fiha jagħmluha skomda għal sorijiet anzjani, u, fl-istess waqt, ma kienx hemm sorijiet oħrajn li setgħu jintbagħtu minflokhom.[28]

L-awtorizzazzjoni għas-soppressjoni tal-komunità ntbagħtet mill-Madre Ġenerali fis-17 ta' Frar ta' l-1999.[29] Madankollu, il-komunità tas-Sorijiet tal-Karità ma telqitx mid-dar minnufih. Baqgħu hemm għal xi xhur oħrajn. Fis-16 u s-17 ta' Lulju, is-superjura provinċjali Madre Aquilina marret b'mod uffiċjali biex tagħmel viżta lil dik il-komunità. Żgur li l-viżta serviet ħalli jsir l-aħħar ftehim dwar kif is-sorijiet kellhom iħallu mill-Imqabba għax, fil-fatt, huma kienu maħbubin min-nies.[30]

Fid-9 ta' Settembru ta' l-1999, ġiet ċelebrata quddiesa fil-parroċċa ta' l-Imqabba, li għaliha attendew Sorijiet tal-Karità minn għadd ta' komunitajiet. Fosthom, kien hemm il-Madre Provinċjali. Is-sorijiet riedu li l-quddiesa tkun bħala tislima lill-poplu ta' l-Imqabba qabel ma jħallu minn dik il-parroċċa. Il-kappillan, Dun Ġużepp Bartolo, waqt il-quddiesa, radd-il ħajr lil Alla għal kulma s-sorijiet kienu għamlu fl-Imqabba. Lilhom, hu rringrazzjahom għax il-parroċċa ħassitha grata lejhom għal dak li kienu għamlu. Mal-kappillan, ikkonċelebraw is-saċerdoti l-oħrajn tal-parroċċa. Ħafna kienu dawk li marru għal dik il-quddiesa. In-nies, mhux biss wrew l-apprezzament tagħhom, imma wkoll d-dispjaċir għall-fatt li s-sorijiet kienu sejrin iħallu mir-raħal. Magħhom, huma kienu rabtu qalbhom għax ma naqsux li jsibuhom kull meta kellhom bżonnhom. Il-kappillan irregalalhom Bibbja u xi kotba oħrajn. Madre M. Antonja Aquilina, bħala superjura provinċjali, f'isem is-sorijiet, raddet ħajr lill-kappillan, lis-saċerdoti u lill-poplu.[31] Id-dar ta' l-Imqabba għalqet għal kollox l-għada tal-quddiesa: jiġifieri fil-10 ta' Settembru ta' l-1999.[32]

Din hi l-istorja ċkejkna tas-Sorijiet tal-Karità fl-Imqabba. Għalkemm ma tawx fil-għajn u għamlu kollox fis-skiet, huma wkoll kienu bħal xaqq ta' dawl għal dawk li ltaqgħu magħhom. Huma wkoll għenu biex jittaffa n-niket ta' ħafna familji u biex idewwu lil dawk li l-mard jew l-età tefgħuhom ġo sodda. Il-kariżma tas-Sorijiet tal-Karità u l-appostolat tagħhom għal Alla biss, imma li jarawh anki f'kull min qed ibati, inħassew tassew fl-Imqabba wkoll.

1. Qed ngħid hawn għall-kitbiet ta' Joseph Zammit Mangion, 'L-Edukazzjoni u l-Iskola fl-Imqabba' u dik ta' P. Karm Zammit, 'Kappillani li mexxew il-Parroċċa ta' l-Imqabba' fil-ktieb *L-Imqabba mal-medda taż-żmien* (Ed. Charles Farrugia), 1998.
2. Sorijiet tal-Karità, Korr. Privata, Debono-Vicari, 3.5.35.
3. Ib., 23.5.35.
4. Ib., Vicari-Laferla, 4.6.35.
5. Ib., Fotokopja Dokumentazzjoni, f.1.
6. Korr. Privata, Debono-Vicari, 17.6.35.
7. Fotokopja Dokumentazzjoni, ff. 8-9.
8. Ib., f.6.
9. Deliberazioni Consiglio, f.64.
10. Kronaka, f.179.
11. Korr. Priv., Spiteri-Vicari, 19.10.41.
12. Ib., Vicari-Spiteri, 3.11.41.
13. Ib., Spiteri-Vicari, 14.11.41.
14. Ib., Vicari-Spiteri, 23.11.41.
15. Verbali Kunsill, 20.3.83.
16. Ib., 29.3.83.
17. Ib., 25.11.85.
18. Ib., 26.1.86.
19. Ib., 10.3.86.
20. Ib., 25.8.86.
21. Ib., 2.12.86.
22. Ib., 7.1.87.
23. Ib., 14.1.88.
24. Relazioni Comunità Lokali, 1988-1999.
25. Ib., 1989, Elenco Suore nelle Case, 1989.
26. Ib., Rel. Comunità Locali, 1990-1992; Elenco Suore; Kornaka, 13.3.92, 29.10.92, 16-18.11.92.
27. Verbali Kunsill, 19.1.99.
28. Aquilina-Henriot, 19.1.99.
29. Prot. N.19/99: Sr Marie Antoine Henriot, Autorizzazione a procedere per la soppressione, 17.2.99.
30. Storia della Comunità, 1986-1999, 16-17 luglio 1999.
31. Ib., 9.9.99.
32. Ib., 10.9.99.

Tophat

Triq il-Proża, Qormi
Tel/Fax: 488244

Formal wear for men and boys
Morning, Evening Wear
and Wedding Dresses
for sale or hire.
Hiring of Suits for
Holy Communion
and Confirmation
both for Boys and Girls
Hire of Graduation Gowns
also available

